VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 66 tal-2014

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti tal-2014 dwar il-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 dwar il-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieg xort'oħra:- Tifsir.

"analista" tfisser kull persuna jew persuni debitament kwalifikati, jew kull istituzzjoni debitament kwalifikata, li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien, jekk huwa jqis neċessarju, jagħtihom ir-responsabbiltà għall-analizi u għall-eżaminazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u tal-prodotti relatati maż-żebbuġ, u "analiżi" għandha tinftiehem skont hekk;

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi; Kap. 117.

"Direttorat" tfisser id-Direttorat tal-Agrikoltura;

"Direttur" tfisser id-Direttur tal-Agrikoltura u tinkludi, sal-awtorità mogħtija lilu, kull uffiċjal awtorizzat minnu bil-miktub biex jaġixxi f'ismu għal kull għan ta' dawn ir-regolamenti;

"fond" tfisser l-unitajiet ta' produzzjonjiet kollha li huma ġestiti minn bidwi f'Malta;

"koltivatur taż-żebbuġ" tfisser kull persuna li tikkoltiva s-siġar taż-żebbuġ bil-għan li tipproduċi ż-żebbuġ għall-produzzjoni kummerċjali taż-żejt taż-żebbuġa jew taż-żebbuġ għall-ikel;

"Ktieb għar-Reġistrazzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa" tfisser il-ktieb uffiċjali provdut mid-Direttorat skont ir-regolament 10;

"Malta" għandha l-istess tifsira mogħti lilha mill-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura u

tinkludi, sal-awtorità mogħtija lilu, kull uffiċjal awtorizzat minnu bil-miktub biex jaġixxi f'ismu għal kull għan ta' dawn ir-regolamenti;

"persuna" tinkludi kull socjetà, assoċjazzjoni ta' persuni, jew entità legali;

"prodott relatat maż-żebbuġ" tfisser kull prodott li jittiekel li huwa derivat mill-frott tas-siġar taż-żebbuġ u li huwa prodott għall-konsum tal-bniedem;

"produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġ" tfisser il-produzzjoni ta' żejt taż-żebbuġ għal għanijiet kummerċjali u għandha tinkludi proċessi bħal ma huma l-estrazzjoni, taħlit, tagħqid flimkien, ibbottiljar jew ittikkettjar, u "produttur taż-żejt taż-żebbuġ" għandha tiftiekem skont hekk u għandha tinkludi proċessuri taż-żebbuġ;

"Reġistru tal-Koltivaturi taż-Żebbuġ" tfisser ir-reġistru provdut skont ir-regolament 7;

"sena għall-kummerċ taż-żebbuġ" tfisser dak il-perjodu li jmur mill-1 ta' Lulju ta' kull sena sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara;

"żebbuġ għall-ikel" tfisser il-prodott preparat mill-frott tas-siġar taż-żebbuġ li jkun trattat adegwatament jew proċessat għall-konsum aħħari tal-bniedem;

"żejt taż-żebbuġ" tfisser żejt miksub unikament mill-frotta tas-siġar taż-żebbuġ taħt xi waħda mill-kategoriji missemmija fl-Iskeda I;

Projbizzjoni ta' tismija jekk mhux konformi ma' dawn ir-regolamenti.

3. Ebda prodott m'għandu jinbiegħ f'Malta bħala żejt taż-żebbuġa jew b'tismija ta' żejt taż-żebbuġa jekk il-produzzjoni tiegħu ma tosservax dawn ir-regolamenti:

Iżda ż-żejt taż-żebbuġa kif imfisser fil-paragrafi 1(a) u (b), 3 u 6 tal-Iskeda I biss jista' jitqiegħed fis-suq għall-konsum finali.

Liċenza għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa.

4. (1) Ebda persuna ma tista' tagħmel, tipproduċi jew tibbottilja żejt taż-żebbugġ prodott lokalment jew importat, u lanqas ma tista' tbiegħ prodotti relatati maż-żejt taż-żebbuġa, mingħajr liċenza valida maħruga mid-Direttur.

(2) Id-dritt li għandu jiħallas mal-ewwel ħruġ tal-liċenza u ma' kull tiġdid tagħha hu ta' mitt euro (€100) fis-sena.

(3) Il-produtturi għandhom japplikaw għal liċenza skont is-subregolament (1) sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju.

(4) Kull liċenza maħruġa taħt dan ir-regolament tkun valida sal-1 ta' Lulju tas-sena tal-ħruġ tagħha u għandha tiġġedded minn sena għal sena sakemm dik il-liċenza ma tiġix mħassra jew revokata skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(5) Kull liċenzja maħruga taħt dan ir-regolament għandha tinħareġ lil produttur speċifiku taż-żejt taż-żebbuġa, u għandha tkun marbuta ma' post speċifiku li fih isseħħ il-produzzjoni ta' dak iż-żejt taż-żebbuga.

Applikazzjoni għal liċenza.

5. (1) Applikazzjoni biex tinħareġ liċenza skont ir-regolament 4 għandha ssir billi tiġi sottomessa lid-Direttur kopja debitament iffirmata u mimlija tal-formola preskritta fl-Iskeda II.

(2) Id-Direttur jista' jitlob lill-applikant li jissottometti aktar informazzjoni, kif jista' ikun neċessarju, qabel ma tittieħed deċizjoni dwar jekk għandhiex tiġi koncessa jew miċħuda l-liċenza jew it-tiġdid tagħha.

(3) Liċenza tista' tinħareġ biss wara l-preżentazzjoni meħtieġa tad-dokumentazzjoni mid-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali u mill-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar li turi li l-lokal li għandu jintuża għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa ġie approvat għal dak il-għan.

(4) Liċenza maħruġa skont ir-regolament 4 ma teżentax lid-detentur mill-adempjenza ta' kull obbligu ieħor taħt kull liġi oħra.

Appell.

6. (1) F'kaz li l-ħruġ jew it-tiġdid ta' liċenza ikun ġie miċħud, id-Direttur għandu jinforma lill-applikant bir-rifjut mingħajr dewmien. L-applikant jista' jissottmetti appell kontra r-rifjut mat-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf skont l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva u d-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att japplikaw għal dak l-appell.

Kap. 490.

(2) It-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva għandu jirrispetta u japplika l-principji għall-imġiba amministrattiva tajba kif previst fl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Kap. 490.

Reġistru tal-Koltivaturi taż-Żebbuġ.

7. (1) Għandu jinżamm mid-Direttur Reġistru tal-Koltivaturi taż-Żebbuġ, u dan għandu jinżamm aġġornat perjodikament.

(2) Ebda persuna m'għanda tkabbar iż-żebbuġ għall-produzzjoni kummerċjali taż-żejt taż-żebbuġa jew taż-żebbuġ għall-ikel, jew tuża art għall-koltivazzjoni taż-żebbuġ għaż-żejt taż-żebbuġa jew taż-żebbuġ għall-ikel, sakemm dik il-persuna ma tkunx imniżżla fir-Reġistru tal-Koltivaturi taż-Żebbuġ imwaqqaf bis-

subregolament (1) u sakemm il-fond ma jkunx reġistrat mad-Direttorat.

Dikjarazzjoni mill-koltivaturi taż-żebbuġ.

8. (1) Sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, il-koltivaturi taż-żebbuġ għandhom jissottomettu lid-Direttur dikjarazzjoni debitament iffirmata u mimlija, fuq il-formola preskritta fl-Iskeda III.

(2) Id-dikjarazzjoni mogħtija skont is-subregolament (1) għandu jkollha magħha kopji tal-irċevuti oriġinali li juru l-ammonti taż-żebbuġ mibjugħ jew ikkonsenjat lil kull produttur taż-żejt taż-żebbuġa.

Dikjarazzjoni mill-produtturi taż-żejt taż-żebbuġ.

9. (1) Sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, il-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa għandhom jissottomettu lid-Direttur dikjarazzjoni debitament iffirmata u mimlija dwar il-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, fuq il-formola preskritta fl-Iskeda IV.

(2) Id-dikjarazzjoni prevista fis-subregolament (1) għandu jkollha magħha lista ta' koltivaturi taż-żebbuġ li mingħandhom ikunu nxtraw iż-żebbuġ, jew xort'oħra ġew miksuba, jew li kkonsenjaw ż-żebbuġ għall-għasir, flimkien ma' kopji tal-irċevuti oriġinali li juru l-ammonti taż-żebbuġ mixtri jew ikkonsenjat.

Dokumentazzjoni li għandha tinżamm mill-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa.

10. (1) Produttur taż-żejt taż-żebbuġa għandu jżomm dokumentazzjoni dwar l-attivitajiet tiegħu fil-Ktieb għar-Reġistrazzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa provdut mid-Direttorat, u huwa għandu jagħti dik l-informazzjoni lid-Direttur meta hekk mitlub.

(2) Il-Ktieb għar-Reġistrazzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa għandu jinkludi reġistrazzjonijiet preċiżi u aġġornati dwar id-dati tal-għasir, l-ammonti ta' żebbuġ li daħlu fil-mitħna u l-ammonti ta' żejt taż-żebbuġa li ġew prodotti taħt kull kategorija elenkata fl-Iskeda I. Il-produttur għandu ukoll jipprovdi informazzjoni fir-rigward tal-prodotti li jiġu skartati wara l-produzzjoni u l-metodi użati biex dawn jiġu mormija.

(3) Għal kull konsenja ta' żebbuġ, il-produttur taż-żejt taż-żebbuġa għandu jipprovdi irċevuta lill-persuna li tikkonsenja ż-żebbuġ, liema irċevuta għandha tindika d-dettalji tal-konsenja, inkluża d-data, id-dettalji dwar il-koltivatur, u l-ammonti f'kilogrammi għal kull varjetà ta' żebbuġ. Kopja ta' din l-irċevuta għandha tingħata lid-Direttorat skont ir-regolament 9(2).

(4) Id-Direttur jista', f'kull żmien, jitlob lil produttur taż-żejt taż-żebbuġa biex fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata xogħol jipprovdilu dikjarazzjoni li turi l-ammonti f'litri ta' żejt taż-żebbuġa mizmuma minnu f'ġurnata jew fi ġranet partikolari, hekk kif jista' ikun speċifikat fit-talba.

11. Id-Direttur jista' joħroġ kodiċijiet għal prattiċi rakkomandati jew tajbin fir-rigward tal-adempjiment tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u ta' kull leġislazzjoni tal-UE, liema kodicijiet iservu ta' linji gwida għal dawk il-persuni involuti fil-koltivazzjoni taż-żebbuġ u fil-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa. Kodiċi ta' prattika tajba.

12. Id-Direttorat għandu, f'kull żmien, jimplimenta u jiżgura l-osservanza tar-Regolamenti kollha tal-UE dwar il-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa kif fis-seħħ minn żmien għal żmien. Osservanza tar-regolamenti tal-UE.

13. (1) Il-Ministru jista' jaħtar uffiċjali pubbliċi bħala uffiċjali awtorizzati għall-kontroll tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u tal-prodotti relatati maż-żebbuġ. Ħatra ta' uffiċjali awtorizzati.

(2) Ebda persuna li tkun involuta direttament jew indirettament f'impriża kummerċjali relatata mal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa jew ta' prodotti relatati maż-żebbuġ ma tista' taġixxi ta' uffiċjal awtorizzat, u ebda uffiċjal pubbliku ma jista' ikun involut direttament jew indirettament fi kwalunkwe impriża kummerċjali relatata mal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa jew ta' prodotti relatati maż-żebbuġ.

(3) Uffiċjal awtorizzat għandu s-setgħa li, f'kull ħin raġonevoli, jidħol fi u jispezzjona kull lokal li fih issir, jew li fih ikollu raġuni għalfejn jaħseb li fih qegħda ssir, il-produzzjoni, l-ibbottiljar, il-ħażna, il-bejgħ jew l-offerta għall-bejgħ, u jeżamina u jagħmel tfittxija f'tali lokal, u jispezzjona tali żejt taż-żebbuġa u jieħu kampjuni tiegħu:

Iżda uffiċjal awtorizzat ma għandux jidħol f'post ta' abitazzjoni sakemm mhux awtorizzat minn Maġistrat.

(4) Uffiċjal awtorizzat għandu d-dritt ta' aċċess għal, u ta' spezzjoni tad-dokumentazzjoni relatata ma', reġistri, reġistrazzjonijiet u noti miżmuma skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(5) Kull uffiċjal awtorizzat li jkun qed jeżerċita xi setgħa mogħtija bis-subregolament (3) jista' -

(a) jaqbad u jikseb kull reġistrazzjoni li huwa għandu raġuni għalfejn jaħseb li tista' tkun meħtieġa bħala evidenza fi proċeduri taħt xi wieħed minn dawn ir-regolamenti; u

(b) f'kaz li r-reġistrazzjonijiet jinżammu permezz ta' kompjuter, jordna li tali reġistrazzjonijiet jiġu stampati.

(6) Kull uffiċjal awtorizzat li jagħti lil xi persuna xi informazzjoni li huwa jkun kiseb fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu u li tittratta siġriet tal-kummerċ, ikun ħati ta' reat sakemm l-għoti tal-informazzjoni ma jkunx meħtieġ fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà oħra taħt xi liġi oħra.

(7) Kull persuna li -

(a) intenzjonalment tostakola jew tikkawża li tiġi ostakolata xi persuna li tkun qegħda taġixxi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti; jew

(b) mingħajr raġuni valida, tonqos milli tagħti lil xi persuna li tkun qegħda taġixxi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti dik l-assistenza jew informazzjoni li hi tista' tkun obbligata li tagħti taħt dawn ir-regolamenti jew xi liġi oħra, jew tagħti informazzjoni falza jew qarrieqa,

tkun ħatja ta' reat. L-azzjoni kriminali għal dak ir-reat tiġi preskritta mal-għeluq ta' tliet xhur.

Setgħa diskrezzjonali.

14. Id-Direttorat qiegħed b'dan jingħata s-setgħa li jagħti ċ-ċertifikazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa.

Ċertifikazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa.

15. (1) Iċ-ċertifikazzjoni tingħata mid-Direttorat wara talba li għandha ssir bil-miktub, mill-produttur konċernat u wara li d-Direttorat ikun għamel il-kontrolli tekniċi u ammistrattivi meħtieġa biex jivverifika li ż-żjut prodotti jikkonformaw mad-deskrizzjonijiet u tifsiriet taż-żejt taż-żebbuġa u żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żejt taż-żebbuġa fl-Iskeda I.

(2) Għandu jitwaqqaf bord *ad hoc* mid-Direttorat biex jipproċessa r-riżultati tal-analiżi kimiċi, fiżiċi u organolettiċi stipulati fl-Iskeda I u biex jiċċertifika li l-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa inkwistjoni jkunu jaqblu mad-deskrizzjonijiet imsemmija fl-Iskeda I.

(3) Iż-żejt taż-żebbuġa jiġi ċertifikat taħt xi waħda mit-tipoloġiji ta' żejt deskritti fl-Iskeda I jekk id-deskrizzjonijiet u tifsiriet imfissara fl-imsemmija skeda jiġu osservati għal dik it-tipoloġija speċifika ta' żejt.

Parteċipazzjoni fl-iskema ta' ċertifikazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa.

16. (1) Produttur li jkun interessat fi skema ta' ċertifikazzjoni għandu japplika mad-Direttorat sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru.

(2) Id-Direttorat għandu jirreġistra lill-applikant wara li jkun ħallas dritt nominali li jiġi stabbilit mid-Direttorat kull sena, u li

jitħallas lid-Direttorat.

(3) L-applikazzjoni msemmija fir-regolament 15(1) għandha tiġġedded kull sena flimkien mal-ħlas tad-dritt biex wieħed igawdi mid-drittijiet preskritti fir-regolament 15(2).

(4) Produttur li ma jirreġistrax għaċ-ċertifikazzjoni fil-ħin stipulat fis-subregolament (1) ma jkunx eleġibbli għall-proċess ta' ċertifikazzjoni.

(5) Il-produtturi għandhom iħallsu dritt, li jiġi stabbilit kull sena mid-Direttorat, għal kull kwantità ta' żejt taż-żebbuġa li jiġi ppreżentat għaċ-ċertifikazzjoni biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' l-analiżi.

(6) Lista ta' produtturi liċenzjati u produtturi reġistrati taħt l-iskema dwar il-kwalità skont is-subregolament (1) għandha tiġi ppubblikata fil-Gazzetta u għandha tkun aċċessibli għall-pubbliku.

Teħid ta' kampjuni.

17. (1) Kull meta jittieħed għall-analizi kampjun ta' żejt taż-żebbuġa jew ta' prodott relatat maż-żebbuġ, dak il-kampjun għandu jittieħed mingħajr ebda ħlas u bl-għoti ta' irċevuta uffiċjali.

(2) Id-Direttur għandu, minn żmien għal żmien, jiddeċiedi dwar il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għat-teħid tal-kampjuni.

(3) Il-kampjuni meħuda skont il-proċedura adottata mid-Direttur skont is-subregolament (2) għandhom ikunu soġġetti għall-analiżi, b'xi metodu ta' analiżi wieħed jew aktar stabbiliti mill-Ministru għal dan il-għan, fuq il-parir tad-Direttur.

Proċeduri quddiem il-Qorti.

18. (1) F'kull proċedura kriminali mressqa mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għal reat taħt dawn ir-regolamenti, id-Direttur jew kull uffiċjal, avukat jew prokuratur legali delegat mid-Direttur jista', minkejja kull liġi kuntrarja, iressaq l-akkuza quddiem il-Qorti, jipproduċi evidenza, iqajjem eċċezzjoniijiet jew xort'oħra jmexxi l-prosekuzzjoni minflok il-Pulizija.

(2) Id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' kull uffiċjal, avukat jew prokuratur legali li huwa ġie delegat skont kif previst fis-subregolament (1) tikkostitwixxi evidenza konklużiva tal-fatt, f'każ li prova tiegħu tkun mitluba mill-akkuzat.

Reati u pieni.

19. (1) Kull persuna li tikser jew tonqos milli tosserva xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel -

(a) f'kaz li tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn elf u

ħames mitt euro (€1,500);

(b) f'kaz li tinsab ħatja għat-tieni darba jew għal drabi sussegwenti, multa ta' mhux anqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) iżda mhux aktar minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) jew multa kkalkulata fuq il-profitt magħmul mill-ħati mit-transazzjoni mwettqa kontra dawn ir-regolamenti, liema waħda minnhom tkun l-għola:

Iżda, meta l-multa tiġi hekk ikkalkulata, din ma tistax teċċedi ħames darbiet il-profitt magħmul mill-ħati:

Iżda ukoll il-Qorti tista', u jekk hekk mitluba mill-prosekuzzjoni għandha, flimkien ma' kull piena oħra, tikkundanna l-ħati għal perjodu ta' priġunerija ta' mhux anqas minn tletin ġurnata iżda mhux aktar minn sentejn.

(2) Flimkien ma' kull piena oħra speċifikata fis-subregolament (1), il-Qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni, tordna l-konfiska ta' kull beni jew ħwejjeġ relatati mar-reat.

(3) B'żieda mal-pieni previsti fis-subregolamenti (1) u (2), il-Qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni, f'każ li l-ħati jinsab ħati għat-tieni darba jew għal drabi sussegwenti, tordna s-sospensjoni tal-permess tal-ħati għal perjodu ta' mhux anqas minn ġimgħa u mhux aktar minn tliet xhur, jew it-tħassir ta' xi liċenza jew permess tal-ħati li jkunu relatati ma' xi attività jew impriża relatata mar-reat, u għandha tordna li kwalunkwe liċenza jew permess hekk imħassrin ma jkunux jistgħu jinħargu mill-ġdid favur il-ħati.

Skeda I

DESKRIZZJONIJIET U TIFSIRIET TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA U TA' ŻEJT MHUX RAFFINAT MIR-RESIDWI TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA

1. ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA VERĠNI

Żjut miksuba mill-frott tas-siġar taż-żebbuġ esklussivament permezz ta' mezzi mekkaniċi jew mezzi fiziċi oħra taħt dawk il-kundizzjonijiet li ma jwasslux għal tibdil fiż-żejt, u li ma ġewx soġġetti għal trattamenti oħra għajr il-ħasil, id-dekantament, l-iċċentrifugar jew l-iffiltrar, u bl-esklużjoni ta' dawk iż-żjut miksuba permezz ta' *solvents* jew bl-użu ta' *adjuvants* oħra li jkollhom effett kimiku jew bijokimiku, jew permezz ta' proċess ta' *re-esterification* jew ta' xi taħlit ieħor ma' żjut ta' tipi oħra.

Iż-żjut taż-żebbuġa verġni huma klassifikati u mfissra esklussivament kif ġej:

(a) żejt taż-żebbuġa *extra* verġni

Żejt taż-żebbuġa li għandu massimu tal-aċidità libera, għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċidu olejku, ta' 0.8g għal kull 100g, bil-karatteristiċi l-oħra tiegħu josservaw dawk previsti għal din il-kategorija.

(b) Żejt taż-żebbuġa verġni

Żejt taż-żebbuġa verġni li għandu massimu tal-aċidità libera, għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċidu olejku, ta' 2g għal kull 100g, bil-karatteristici l-oħra tiegħu josservaw dawk previsti għal din il-kategorija.

(ċ) Żejt taż-żebbuġa *lampante*

Żejt taż-żebbuġa verġni li għandu aċidità libera, għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċidu olejku, ta' aktar minn 2g għal kull 100g, u/jew bil-karatteristiċi l-oħra tiegħu josservaw dawk previsti għal din il-kategorija.

2. ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA IRFINAT

Żejt taż-żebbuġa miksub permezz tal-irfinar taż-żejt taż-żebbuġa, li jkollu kontenut tal-aċidità libera espress bħala aċidu olejku, li ma jkunx aktar minn 0.3g għal kull 100g, u bil-karatteristiċi l-oħra tiegħu josservaw dak previst għal din il-kategorija.

B 556

3. ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA - MAGĦMUL MINN ŻJUT TAŻ-ŻEBBUĠA U ŻJUT TAŻ-ŻEBBUĠA VERĠNI

Żejt taż-żebbuġa miksub permess tat-taħlit ta' żejt taż-żebbuġa irfinat u żejt ta-żebbuġa verġni li ma jkunx żejt taż-żebbuġa *lampante*, u li jkollu kontenut tal-aċidità libera espress bħala aċidu olejku li ma jkunx ta' aktar minn 1g għal kull 100g, u bil-karatteristiċi l-oħra tiegħu josservaw dak previst għal din il-kategorija.

4. ŻEJT MHUX RAFFINAT MIR-RESIDWI TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA

Żejt miksub miż-żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żejt taż-żebbuġ permezz ta' trattament b'*solvents* jew mezzi fiżiċi oħra jew b'żejt li jitqabbel maż-żejt taż-żebbuġa *lampante*, esklużi ċertu karatteristiċi speċifiċi u eskluż iż-żejt miksub permezz tar-*re-esterification* jew b'taħlit ta' tipi oħra ta' żjut, u bil-karatteristiċi l-oħra tiegħu josservaw dak previst għal din il-kategorija.

5. ŻEJT RAFFINAT MIR-RESIDWI TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA

Żejt miksub bl-irfinar taż-żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żejt taż-żebbuġa, li għandu l-kontenut ta' aċidità libera espress bħala aċidu olejku ta' mhux aktar minn 0.3g għal kull 100g, u bil-karatteristiċi l-oħra tiegħu josservaw dak previst għal din il-kategorija.

6. ŻEJT MHUX RAFFINAT MIR-RESIDWI TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA

Żejt miksub bit-taħlit ta' mhux raffinat mir-residwi taż-żejt taż-żebbuġa li jkun ġie irfinat u żejt taż-żebbuġa verġni, li għandu l-kontenut ta' aċidità libera espress bħala aċidu olejku ta' mhux aktar minn 1g għal kull 100g, u bil-karatteristiċi l-oħra tiegħu josservaw dak previst għal din il-kategorija.

B 557

Skeda II

Applikazzjoni għal Liċenza Kummerċjali għall-Produzzjoni taz-Żejt taż-Żebbuġa

Dettalji tal-Applikant	
Isem u Kunjom:	Rwol:
Telefon:	Telefon ċellulari: .....
E-mail tiegħek:	*Fax*: .....
Isem tal-kumpannija:	Nru. tal-V.A.T. .....
Indirizz tal-Applikant u tal-Kumpannija Reġistrata: .... Indirizz tal-fond tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa:	

Dikjarazzjonijiet	
• Jien niddikjara solennement li qed napplika għall-liċenza kummerċjali skont il-liġi. • Jien niddikjara solennement li, sa fejn naf jien, l-informazzjoni kollha li niżżilt fuq din il-formola hija eżatta. • Jien nifhem li l-liċenza kummerċjali għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa ma tkunx tista' tingħata jekk il-fond ma jkunx skont il-liġi. • Jien niddikjara solennement li qed nirrispetta l-liġijiet ta' Malta u dawk tal-Unjoni Ewropea.	
..... Firma tal-applikant	..... Data

B 558

Għall-użu uffiċjali biss
Liċenza għall-produzzjoni kummerċjali ta' żejt taż-żebbuġa: 100 EURO
Tip ta' pagament: Flus kontanti ☐ Ċekk ☐ Numru taċ-ċekk:
Numru tal-irċevuta u d-data: .....

Ispezzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali
Data tal-ispezzjoni: ..... Riżultat: ☐ Approvata ☐ Rifjutata
Kummenti: ....
Tiġdid tal-Liċenza Kummerċjali għall-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa
Riżultat: ☐ Approvat ☐ Rifjutat
Kummenti: ....
..... Firma u Timbru tal-Uffiċjal Inkarigat ..... Data

B 559

Skeda III

Dikjarazzjoni Annwali tal-Ħsad taż-Żebbuġ

SENA: .....

DETTALJI TAL-APPLIKANT			GĦAL UŻU UFFIĊJALI BISS
Isem u Kunjom:	Indirizz:	Telefon:	Data ta' meta waslet l-Applikazzjoni: .....
Numru tal-ID:		Telefon ċellulari:	Firma u timbru tal-uffiċjal .....

DIKJARAZZJONI TAL-ĦSAD									
Nru. tal-*Parcel*	Varjetà ta' żebbuġ	Numru ta' siġar taż-żebbuġ	Ammont ta' żebbuġ maħsud/kg		Mibjugħ lill-għassar		Bejgħ ta' żebbuġ lill-pitkalija /kg	Użu personali/ kg Tal-Mejda / Żejt	Total taż-żebbuġ maqtugħ/ kg
			Tal-Mejda	Żejt	kg	Isem tal-għassar			

DIKJARAZZJONI
• Jien, hawn taħt iffirmat/a, niddikjara li d-dettalji li niżżilt f'din id-dikjarazzjoni huma korretti u nifhem li jistgħu jittieħdu passi legali kontrija jekk issir dikjarazzjoni falza minni jew minn xi ħadd li jaġixxi f'ismi b'konnessjoni ma' din id-dikjarazzjoni.
• Jien, hawn taħt iffirmat/a, niddikjara li d-dettalji li jinsabu f'din il-formula jistgħu jinużaw mid-Dipartiment tal-Agrikoltura jew xi Dipartiment konċernat.

Firma Data

Politika dwar il-Privatezza

Id-Direttorat tal-Agrikoltura jiġbor din l-informazzjoni sabiex iħejji il-qagħda annwali tal-ħażna ta' żejt taż-żebbuġa kif mitlub mill-liġijiet nazzjonali u dawk tal-UE. Id-Direttorat jista' jivverifika l-informazzjoni miġbura mingħand il-bdiewa jew minn xi terza persuna oħra. Din l-informazzjoni tista' tiġi tramessa ukoll lil Dipartimenti oħra tal-Gvern jew awtoritajiet lokali oħra għal skopijiet ta' kontrolli kif stipulat fil-liġi.

Għal aktar informazzjoni tista' titlob kopja tal-Politika dwar il-Privatezza jew issaqsi f'xi uffiċċju tad-Direttorat tal-Agrikoltura.

B 560

Skeda IV

DIKJARAZZJONI DWAR IL-PRODUZZJONI ANNWALI
TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA

SENA: .....

Dettalji tal-Applikant	
Isem u Kunjom:	Rwol: .....
Telefon:	Telefon ċellulari: .....
E-mail tiegħek:	*Fax*: .....
Isem tal-kumpannija:	Nru. tal-V.A.T. / tal-I.D. .....
Indirizz tal-Applikant u tal-Kumpannija Reġistrata:	
Indirizz tal-fond tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa:	

Produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa					
Xahar	Total ta' żebbuġ magħsur / kg	Total ta' żejt prodott / kg	Klassifikaz-zjoni*	Mibjugħ lill-produttur / kg	Magħsur għal terzi persuni / kg
Settembru					
Ottubru					
Novembru					
Diċembru					
TOTAL					

* Żejt taż-Żebbuġa *Extra* Verġni, Vergni, ordinarju

Produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa organiku					
Xahar	Total ta' żebbuġ magħsur / kg	Total ta' żejt prodott / kg	Klassifikaz-zjoni	Mibjugħ lill-produttur / kg	Magħsur għal terzi persuni / kg
Settembru					
Ottubru					
Novembru					
Diċembru					
TOTAL					

Produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa organiku
• Jien niddikjara li, sa fejn naf jien, id-dettalji li niżżilt f'din id-dikjarazzjoni huma korretti u eżatti. U li jistgħu jittieħdu passi legali kontrija jekk issir dikjarazzjoni falza minni jew minn xi ħadd li jaġixxi f'ismi b'konnessjoni ma' din id-dikjarazzjoni.
• Jien nifhem li d-dettalji tiegħi jistgħu jiġu mitluba minn dipartiment ieħor konċernati.
• Jien nagħti permess lill-awtorità u direttorat konċernati biex jispezzjonaw il-produzzjoni mingħajr ebda restrizzjoni.

Firma Data

Politika fuq il-Privatezza
Id-Direttorat tal-Agrikoltura qed jiġbor din l-informazzjoni sabiex iħejji il-qagħda tal-ħsad annwali ta' żejt taż-żebbuġa f'Malta kif mitlub mill-Liġijiet ta' Malta u dawk tal-Unjoni Ewropea. Id-Direttorat jivverifika l-informazzjoni miġbura mingħand il-bdiewa, jew informazzjoni dwar il-bidwi provduta minn terzi persuni, ma' informazzjoni li d-Ditrttorat għandu fil-pussess tiegħu.
Din l-informazzjoni tista' tiġi tramessa ukoll lil-Dipartimenti oħra tal-Gvern jew Awtoritajiet lokali oħra għal skopijiet ta' kontrolli kif stipulat bil-liġi.
Din l-informazzjoni mhux ser tingħata lil ħadd ieħor sakemm dan ma jkunx permess bil-liġi.

Għal Użu Uffiċjali Biss	
Data ta' meta waslet d-dikjarazzjoni	Firma u timbru tal-uffiċjal .....